DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1097

tat-8 ta' April 2015

dwar il-kompatibbiltà mal-liġi tal-Unjoni tal-miżuri li għandhom jittieħdu mid-Danimarka skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-midja awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-midja awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) tagħha,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva 2010/13/UE,

Billi:

(1) B'ittra tas-6 ta' Jannar 2015, id-Danimarka nnotifikat lill-Kummissjoni dwar ċerti miżuri li għandhom jittieħdu skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2010/13/UE.

(2) Il-Kummissjoni vverifikat, fi żmien tliet xhur minn meta waslitilha din in-notifika, li dawn il-miżuri huma kumpatibbli mal-liġi tal-Unjoni, b'mod partikulari fir-rigward tal-proporzjonalità tal-miżuri u t-trasparenza tal-proċedura ta' konsultazzjoni nazzjonali.

(3) Fl-istħarriġ tal-miżuri, il-Kummissjoni qieset id-dejta disponibbli dwar is-suq awdjoviżiv Daniż, b'mod partikolari fir-rigward tal-impatt fuq is-suq televiżiv.

(4) Il-lista tal-avvenimenti ta' importanza maġġuri għas-soċjetà ġiet elenkata mid-Danimarka b'mod ċar u trasparenti, wara konsultazzjoni estensiva.

(5) Abbażi ta' evidenza dettaljata u ta' ċifri dwar l-għadd ta' telespettaturi mwassla mill-awtoritajiet Daniżi, il-Kummissjoni vverfikat li l-lista ta' avvenimenti nominati li ġiet elenkata skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2010/13/UE ssodisfat tal-anqas tnejn mill-kriterji li ġejjin li jitqiesu bħala indikaturi affidabbli tal-importanza tat-tali avvenimenti fis-soċjetà: (i) għandhom reżonanza ġenerali u speċjali fi ħdan l-Istat Membru, u mhumiex sinifikanti biss għal dawk li normalment isegwu l-isport jew l-attività konċernata; (ii) għandhom importanza kulturali distinta u ġeneralment rikonoxxuta għall-popolazzjoni tal-Istat Membru, b'mod partikulari bħala katalista għall-identità kulturali; (iii) l-involviment tat-tim nazzjonali fl-avveniment ikkonċernat fil-kuntest ta' kompetizzjoni jew turnew ta' importanza internazzjonali; u (iv) il-fatt li dak l-avveniment minn dejjem ixxandar fuq stazzjonijiet tat-televiżjoni bla ħlas u kien segwit minn udjenza televiżiva kbira.

(6) Il-lista notifikata ta' avvenimenti ta' importanza ewlenija għas-soċjetà fiha għadd ta' avvenimenti maghżula, li jitqiesu bħala avvenimenti ta' importanza ewlenija għas-soċjetà, bħall-Olimpjadi tas-sajf u tax-xitwa. Kif intwera mill-awtoritajiet Daniżi, l-Olimpjadi tas-sajf u tax-xitwa jsegwuhom udjenzi televiżivi kbar u tradizzjonalment jixxandru fuq kanali televiżivi mingħajr ħlas. Barra minn hekk, dawn l-avvenimenti għandhom reżonanza ġenerali u speċjali fid-Danimarka, għax huma partikolarment popolari mal-pubbliku ġenerali, mhux biss ma' dawk li normalment isegwu avvenimenti sportivi.

([1]) ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1.

(7) Il-finali u s-semifinali tat-Tazza tad-Dinja tal-futbol tal-irġiel u tal-Kampjonat Ewropew tal-futbol tal-irġiel huma meqjusa wkoll bħala avvenimenti ta' importanza kbira għas-soċjetà. Il-lista tinkludi wkoll il-partiti kollha li jinvolvu t-tim nazzjonali Daniż fi ħdan dawk l-avvenimenti, kif ukoll il-partiti ta' kwalifika tat-tim nazzjonali Daniż. Kif intwera mill-awtoritajiet Daniżi, dawn l-avvenimenti jsegwuhom udjenzi televiżivi kbar u tradizzjonalment jixxandru fuq kanali televiżivi mingħajr ħlas. Barra minn hekk, dawn l-avvenimenti għandhom reżonanza ġenerali u speċjali fid-Danimarka, għax huma partikolarment popolari mal-pubbliku ġenerali, mhux biss ma' dawk li normalment isegwu avvenimenti sportivi. Jinvolvu tim nazzjonali f'turnew internazzjonali ta' importanza ewlenija.

(8) Il-finali, is-semifinali u l-partiti kollha li jinvolvu t-tim nazzjonali Daniż, kif ukoll il-partiti ta' kwalifikazzjoni li jinvolvu t-tim nazzjonali Daniż tal-Kampjonati Ewropew u tad-Dinja tal-handball tan-nisa, jarawhom udjenzi televiżivi kbar u tradizzjonalment jixxandru bla ħlas fuq it-televiżjoni. Barra minn hekk, dawn iqanqlu interess partikolari u estensiv fid-Danimarka, anki fost udjenzi li mhux soltu jsegwu dan l-isport. Jinvolvu tim nazzjonali f'turnew internazzjoni ta' importanza ewlenija. L-interess partikolari u estensiv jissaħħaħ mill-fatt li t-tim nazzjonali Daniż għamel kisbiet sinifikanti f'dawn it-tornej.

(9) Il-finali, is-semifinali u l-partiti kollha li jinvolvu t-tim nazzjonali Daniż. kif ukoll l-partiti ta' kwalifikazzjoni li jinvolvu t-tim nazzjonali Daniż tal-Kampjonati Ewropew u tad-Dinja tal-handball tan-irġiel, jarawhom udjenzi televiżivi kbar u tradizzjonalment jixxandru bla ħlas fuq it-televiżjoni. Barra minn hekk, dawn iqanqlu interess partikolari u estensiv fid-Danimarka, anki fost udjenzi li mhux soltu jsegwu dan l-isport. Jinvolvu tim nazzjonali f'turnew internazzjoni ta' importanza ewlenija. L-interess partikolari u estensiv jissaħħaħ mill-fatt li t-tim nazzjonali Daniż għamel kisbiet sinifikanti f'dawn it-tornej.

(10) Il-miżuri magħżula ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex, jiġifieri l-protezzjoni tad-dritt ta' informazzjoni u ta' aċċess wiesa' tal-pubbliku għax-xandir televiżiv ta' avvenimenti ta' importanza kbira għas-soċjetà. Din il-konklużjoni tqis il-modalitajiet li skonthom se jixxandru l-avvenimenti inkwistjoni, id-definizzjoni ta' "xandâr li jikkwalifika", ir-rwol ta' arbitraġġ fir-riżoluzzjoni ta' tilwim li jqum waqt l-implimentazzjoni tal-miżuri, u l-fatt li l-ordni eżekuttiva li fiha l-lista ta' avvenimenti se tapplika għal avvenimenti li għalihom il-kuntratti dwar drittijiet esklussivi jiġu konklużi wara li l-ordni eżekuttiva tkun daħlet fis-seħħ. Għaldaqstant, jista' jiġi konkluż li l-effetti tad-dritt għall-proprjetà, kif previsti fl-Artikolu 17 tal-Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali, ma jmorrux lil hinn minn dak li hu intrinsikament marbut mal-inklużjoni tal-avveniment fil-lista prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2010/13/UE.

(11) Għall-istess raġunijiet, il-miżuri Daniżi jidhru li huma proporzjonati sabiex jiġġustifikaw deroga mill-prinċipju fundamentali tal-liberta li jiġu pprovduti servizzi kif stipulat fl-Artikolu 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-interess pubbliku superjuri għandu jiżgura aċċess estensiv għall-pubbliku għal xandiriet ta' avvenimenti ta' importanza ewlenija għas-soċjetà. Barra minn hekk, il-miżuri Daniżi ma jikkostitwixxu l-ebda diskriminazzjoni jew esklużjoni mis-suq kontra xi xandara, detenturi tad-drittijiet jew operaturi ekonomiċi oħra ta' Stati Membri oħra.

(12) Il-miżuri magħżula huma, barra minn hekk, kompatibbli mar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni. Id-definizzjoni tax-xandara li jikkwalifikaw għax-xandir tal-avvenimenti elenkati ssejset fuq kriterji oġġettivi, li jippermettu kompetizzjoni reali u potenzjali għall-akkwist tad-drittijiet biex jixxandru dawn l-avvenimenti. Barra minn hekk, l-għadd ta' avvenimenti magħżula mhuwiex tant sproporzjonat li jwassal għal tagħwiġ tal-kompetizzjoni fis-swieq downstream tat-televiżjoni mingħajr ħlas u tat-televiżjoni bi ħlas. Għaldaqstant, jista' jitqies li l-effetti tal-libertà tal-kompetizzjoni ma jmorrux lil hinn minn dak li hu intrinsikament marbut mal-inklużjoni tal-avveniment fil-lista prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2010/13/UE.

(13) Il-Kummissjoni għarrfet lill-Istati Membri l-oħra dwar il-miżuri li se jittieħdu mid-Danimarka, u ppreżentat ir-riżultati tal-verifika tagħha lill-Kumitat imwaqqaf skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva 2010/13/UE. Il-Kumitat adotta opinjoni favorevoli,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

(1) Il-miżuri li għandhom jittieħdu mid-Danimarka, skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2010/13/UE, u nnotifikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 14(2) ta' dik id-Direttiva, huma kompatibbli mal-Liġi tal-Unjoni.

(2) Il-miżuri, kif mittieħda mid-Danimarka, għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' April 2015.

Għall-Kummissjoni
Günther OETTINGER
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

ID-DIGRIET DWAR L-UŻU TAD-DRITTIJIET TELEVIŻIVI TA' AVVENIMENTI TA' IMPORTANZA KBIRA GĦAS-SOĊJETÀ

Dan li ġej hu stabbilit skont it-Taqsimiet 90(1) u 93(2) tal-Att dwar ix-Xandir bir-Radju u t-Televiżjoni, ara l-Att ta' Konsolidazzjoni Nru 255 tal-20 ta' Marzu 2014:

KAMP TA' APPLIKAZZJONI

It-Taqsima 1 (1) Dan id-Digriet ikopri l-użu mix-xandara televiżivi tad-drittijiet esklussivi għall-avvenimenti ta' importanza kbira għas-soċjetà. It-terminu "xandar televiżiv" jirreferi għal impriżi li jipprovdu servizzi ta' programmi skont it-Taqsimiet 1 u 2 tal-Att dwar ix-Xandir bir-Radju u t-Televiżjoni.

(2) Id-drittijiet esklussivi għal avvenimenti bħal dawn ma jistgħux jintużaw b'tali mod li jċaħħdu proporzjon sostanzjali mill-pubbliku milli ssegwi l-avvenimenti b'mod dirett jew bi trażmissjoni diferita fuq it-televiżjoni mingħajr ħlas.

AVVENIMENTI TA' IMPORTANZA KBIRA GĦAS-SOĊJETÀ

It-Taqsima 2 F'dan id-Digriet "avveniment ta' importanza kbira għas-soċjetà" tfisser avveniment sportiv li jissodisfa tal-anqas tnejn mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(1) Huwa ta' interess għal persuni differenti minn dawk li normalment isegwu l-isport konċernat fuq it-televiżjoni.

(2) Jappartjeni għal fergħa ta' sports li tradizzjonalment tokkupa post ċentrali fil-kultura sportiva tad-Danimarka.

(3) Ġeneralment huwa segwit minn ħafna telespettaturi.

It-Taqsima 3 Dawn l-avvenimenti li ġejjin jtiqiesu li għandhom importanza kbira għas-soċjetà:

(1) Il-Logħob Olimpiku tas-sajf u tax-xitwa: il-logħob kollu kemm hu, inklużi ċ-ċerimonji tal-ftuħ u l-għeluq, skont it-Taqsima 7(2);

(2) ir-rawnds finali tat-Tazza tad-Dinja u tal-Kampjonat Ewropew tal-futbol (tal-irġiel): il-logħbiet kollha li jinvolvu d-Danimarka, kif ukoll is-semifinali u l-finali;

(3) ir-rawnds finali tat-Tazza tad-Dinja u tal-Kampjonati Ewropej tal-ħendbol (tal-irġiel u n-nisa): il-logħbiet kollha li jinvolvu d-Danimarka, kif ukoll is-semifinali u l-finali;

(4) il-logħbiet tal-kwalifikazzjoni tal-Kampjonat Ewropew u tat-Tazza tad-Dinja tal-futbol (tal-irġiel) li jinvolvu d-Danimarka.;

(5) Il-logħbiet kollha tal-kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja u tal-Kampjonati Ewropej tal-ħendbol (tal-irġiel u n-nisa) li jinvolvu d-Danimarka.

L-UŻU TAD-DRITTIJIET TELEVIŻIVI

It-Taqsima 4 Proporzjon sostanzjali tal-pubbliku titqies li qed tiċċaħħad milli ssegwi avveniment fuq it-televiżjoni bla ħlas sakemm:

(1) l-avveniment jixxandar fuq stazzjon jew stazzjonijiet tat-televiżjoni li total ta' 90 fil-mija tal-unitajiet domestiċi kollha jistgħu jaċċessaw fuq ir-riċevitur(i) tat-televiżjoni tagħhom bl-antenna, bis-satellita, bil-kejbil jew bl-IP/fibre TV fiż-żmien tax-xandira, u

(2) l-unitajiet domestiċi jirċievu mingħajr ħlas ħlief għal:

(a) miżata tal-liċenzja tal-midja

(b) kull miżata ta' abbonament imħallsa lill-operaturi tat-televiżjoni li jipprovdu l-istazzjoni konċernat fl-orħos pakkett, jew

(c) il-miżata tal-abbonament imħallsa biex tirċievi dak l-istazzjoni biss fil-każ ta' abbonamenti li ma jeħtiġux abbonament ta' pakkett.

It-Taqsima 5 (1) Xandara tat-televiżjoni li ma jkunux jistgħu jużaw id-drittijiet esklussivi għal avveniment ta' importanza kbira għas-soċjetà skont ir-restrizzjoni fuq id-dritt tal-użu stabbilita fit-Taqsima 1(2), ara t-Taqsima 4, u li jkunu kisbu drittijiet esklussivi għax-xandir ta' tali avveniment, ara t-Taqsima 3, jistgħu jużaw dawk id-drittijiet biss jekk ikunu jistgħu jiżguraw bi ftehim max-xandar li proporzjon sostanzjali mill-pubbliku ma tiċċaħħadx milli ssegwi dan l-avveniment b'mod dirett jew bi trażmissjoni diferita fuq it-televiżjoni mingħajr ħlas.

(2) Xandara tat-televiżjoni li ma jkunux jistgħu jużaw id-drittijiet esklussivi għal avveniment ta' importanza kbira għas-soċjetà skont ir-restrizzjoni fuq id-dritt tal-użu stabbilita fit-Taqsima 1(2), ara t-Taqsima 4, u li jkunu kisbu drittijiet esklussivi għax-xandir ta' tali avveniment, ara t-Taqsima 3, għandhom fi żmien ġust, u fejn jippermetti ż-żmien tal-akkwist ta' dawk id-drittijiet, mhux aktar tard minn sitt xhur qabel l-avveniment, jagħtu d-drittijiet lil (gruppi ta') xandara tat-televiżjoni li huma kapaċi jużaw id-drittijiet esklussivi għal tali avveniment skont ir-restrizzjoni fuq id-dritt tal-użu stabbilita fit-Taqsima 1(2), ara t-Taqsima 4, sabiex jiġi ddeterminat jekk hemmx (gruppi ta') xandara televiżivi li jixtiequ jikkonkludu ftehimiet kummerċjali ġusti biex ixandru dan l-avveniment, ara (3) u (4) ta' hawn taħt, u t-Taqsima 8. F'każijiet fejn huwa possibbli skont il-punt (1) tat-Taqsima 6(1) li jixxandar l-avveniment bi trażmissjoni diferita, ftehimiet proposti minn xandar jew fornitur tas-servizz li ma jkunx jista' juża d-drittijiet esklussivi għal tali avveniment skont ir-restrizzjoni fuq id-dritt tal-użu stabbilita fit-Taqsima 1(2), ara t-Taqsima 4, għandhom jinkludu d-dritt kemm għat-trażmissjonijiet diretti kif ukoll dawk diferiti.

(3) Xandara tat-televiżjoni li joffrulhom taħt (1) hawn fuq ftehim sabiex ixandru avveniment ta' importanza kbira għas-soċjetà, ara t-Taqsima 3, għandhom javżaw bil-miktub l-interess tagħhom li jikkonkludu tali ftehim fi żmien 14-il jum minn meta jirċievu offerta bil-miktub li fiha, barra l-prezz propost u termini oħra tal-kuntratt, informazzjoni speċifika dwar l-avveniment, inkluż fejn u meta se jsir.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' (1) hawn fuq ma japplikawx f'każijiet fejn xandar tat-televiżjoni jew fornitur tas-servizz jista' juri li l-ebda xandar jew grupp ta' xandara li kapaċi juża d-drittijiet esklussivi għal avveniment ta' importanza kbira għas-soċjetà skont ir-restrizzjoni fuq id-dritt tal-użu stabbilita fit-Taqsima 1(2), ara t-Taqsima 4, jixtieq jikkonkludi ftehim kummerċjali ġust biex ixandar dan l-avveniment.

It-Taqsima 6 (1) Avvenimenti ta' importanza kbira għas-soċjetà kif definiti fit-Taqsima 3 ġeneralment għandhom jiġu trażmessi b'mod dirett. Madankollu, ix-xandir ta' tali avvenimenti jista' jiġi diferit meta tali posponiment huwa dovut għal ċirkustanzi oġġettivi, pereżempju f'każ fejn

1. l-avveniment iseħħ billejl (00:00-06:00, ħin Daniż);

2. l-avveniment hu magħmul minn sensiela ta' avvenimenti simultanji, bħalma huma l-logħob Olimpiku, jew

3. ix-xandir dirett ikun jeħtieġ skedar mill-ġdid tax-xandir tal-avvenimenti ta' importanza kbira għas-soċjetà għajr dawk imsemmija fit-Taqsima 3.

(2) It-trażmissjoni ta' avveniment ta' importanza kbira għas-soċjetà ġeneralment għandha tiġi differita b'mhux aktar minn 24 siegħa.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' (1)-(2) hawn fuq ma japplikawx għal avvenimenti mxandra skont it-Taqsima 5(4).

It-Taqsima 7 (1) L-avvenimenti ta' importanza kbira għas-soċjetà kif definiti fit-Taqsima 3 għandhom jiġu trażmessi fl-intier tagħhom, soġġett għal (2) hawn taħt.

(2) Ix-xandir tal-Logħob Olimpiku tas-sajf u tax-xitwa, ara l-punt (1) tat-Taqsima 3, jista' jiġi ristrett għal trażmissjoni wiesgħa u rappreżentattiva matul perjodu sinjifikattiv ta' żmien tal-avveniment kollu f'sensiela ta' estratti li jirriflettu b'mod adegwat il-firxa sħiħa tal-isports u l-pajjiżi parteċipanti. Barra minn hekk, għandha ssir enfasi fuq it-trażmissjoni tal-parteċipazzjoni tad-Danimarka u fuq il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 2. Iċ-ċerimonji tal-ftuħ u tal-għeluq għandhom jixxandru b'mod dirett u b'mod sħiħ, skont it-Taqsima 6. Partijiet mil-Logħob Olimpiku li ma jixxandrux skont l-ewwel u t-tieni punti jistgħu jixxandru fuq l-istazzjonijiet li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tat-Taqsima 4.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' (1)-(2) hawn fuq ma japplikawx għal avvenimenti mxandra skont it-Taqsima 5(4).

DISPOŻIZZJONIJIET OĦRA

It-Taqsima 8 Tilwim relatat mal-ftehim skont it-Taqsima 5 (1)-(3) sabiex jixxandar avveniment ta' importanza kbira għas-soċjetà, inklużi kwistjonijiet marbut mal-prezz, għandu jiġi riżolt permezz ta' arbitraġġ, ara l-Att dwar l-Arbitraġġ.

It-Taqsima 9 Il-Ministeru tal-Kultura se jevalwa d-Digriet fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ tiegħu. L-evalwazzjoni ser tkopri l-iżviluppi f'forom ta' distribuzzjoni u diskussjonijiet mal-partijiet ikkonċernati.

KSUR

It-Taqsima 10 (1) Il-ksur tat-Taqsimiet 1(2), 5(1) u (2), 6(1) u (2), u 7(1) u (2) huwa punibbli b'multa.

(2) Il-kumpaniji, eċċ., (entitajiet ġuridiċi) jistgħu jinżammu responsabbli skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 5 tal-Kodiċi Penali.

It-Taqsima 11 (1) Skont il-punt (1) tat-Taqsima 50(1) tal-Att dwar ix-Xandir bir-Radju u t-Televiżjoni, il-liċenzja ta' programm maħruġa skont it-Taqsima 45 ta' dak l-Att, tista' tiġi irtirata temporanjament jew b'mod permanenti jekk id-detentur b'mod gravi jew ripetutament jikser l-Att jew id-dispożizzjonijiet stabbiliti skont dak l-Att.

(2) Skont il-punt (1) tat-Taqsima 50(2) tal-Att dwar ix-Xandir bir-Radju u t-Televiżjoni, il-Bord tar-Radju u t-Televiżjoni, jista' jiddeċiedi li jwaqqaf is-servizzi tal-programm temporanjament jew b'mod permanenti skont it-Taqsima 47 tal-Att jekk l-impriża reġistrata tikser b'mod gravi jew ripetutament l-Att jew dispożizzjonijiet stabbiliti skont dan l-Att.

DĦUL FIS-SEĦĦ

It-Taqsima 12 Dan id-Digriet jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2015 u japplika għal avvenimenti li għalihom jiġi konkluż ftehim dwar l-użu tad-drittijiet esklussivi wara dik id-data.

Il-Ministeru tal-Kultura, id-19 ta' April 2015.

Marianne JELVED/Lars M. BANKE